Reġistru tal-Qorti jkun magħluq allura n-nota għandha u tista' tiġi ppreżentata **fil-jum li jsegwi immedjatament** – dejjem skond l-art. 109 tal-Kap. 12 – u meta allura r-Reġistru jkun disponibbli;

F'dan il-każ, it-terminu suppost kellu jagħlaq fit-23 ta' Diċembru 1992. Bejn it-23 ta' Diċembru 1992 u t-12 ta' Jannar 1993 (id-data tal-preżentata da parti tal-kovnenut) kien hemm aktar minn jum utili li segwa minnufih kull jum li tulu r-Reġistru tal-Qorti nżamm magħluq minħabba btajjel pubbliċi. Għalhekk is-sottomissjonijiet tal-konvenut qegħdin jiġu respinti għaliex f'kull jum li r-Reġistru kien miftuħ huwa seta' ppreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu, kif ingħad;

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tiddikjara lill-konvenut kontumaċi, tordna għalhekk l-isfilz tan-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tordna bil-prosegwiment tal-kawża salv ostakolu legali f'każ ta' appell. L-ispejjeż relattivi għal dan il-provvediment ikunu a kariku tal-konvenut.

---

**10 ta' Ġunju, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Anthony Sultana

*versus*

Alfred Cuccardi

## Artiġjan – Responsabbiltà

*Artiġjan huwa ħieles jekk għandux jaċċetta l-appalt jew le; għalhekk, ladarba jaċċetta li jaħdem, għandu jerfa' r-responsabbiltà teknika għall-materjal li juża, u għandu jwieġeb jekk juża materjal li ma jkunx tajjeb.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta li huwa inkariga lill-konvenut biex jagħmel xogħol ta' għamara li jikkonsisti f'kamra tas-sodda kif ukoll kamra tal-pranzu liema xogħol ġie esegwit u debitament ikkonsenjat lill-attur;

Peress illi f'dawn l-aħħar xhur u anki f'dawn l-aħħar ġimgħat żviluppat ħsara f'parti mill-għamara kkonsenjata;

Peress illi l-premess jirriżulta minħabba imperizja u nuqqas fis-sengħa u l-arti da parti tal-konvenut;

Peress illi l-konvenut interpellat bonarjament baqa' inadempjenti l-istess attur talab li dina l-Qorti:

1. Tiddikjara li x-xogħol ta' għamara li sar da parti tal-konvenut ma sarx skond is-sengħa u l-arti; u

2. Tordna lill-konvenut li jaffettwa r-riparazzjonijiet kollha neċessarji u;

3. Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 220 tal-Kodiċi ta' Proċedura (Kapitolu 12) f'każ li l-konvenut jonqos milli jesegwixxi fi żmien stipulat minn dina l-Qorti;

B'riserva ta' kwalunkwe azzjoni oħra għad-danni. Bl-ispejjeż;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' Alfred Cuccardi li biha eċċepixxa:

1. Illi kontrarjament għal dak li qiegħed jallega l-attur l-għamara li l-eċċipjent fornixxa lill-attur saret skond is-sengħa u l-arti;

2. Illi għalhekk kull ħsara li jippretendi l-attur li hemm fl-għamara in kwistjoni m'hijiex dovuta għal imperizja jew nuqqas ta' ħila fis-sengħa da parti mill-konvenut;

3. Illi x-xogħol fuq il-kamra tal-pranzu sar fis-sajf ta' l-1981 fil-waqt illi l-kamra tas-sodda saret fix-xitwa ta' l-1983;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Eżaminat il-provi li tressqu u rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

Ikkunsidrat:

Illi l-attur għamel il-prova li l-għamara li ħadimlu l-konvenut ġarrbet ħsara konsistenti f'moviment tal-kewba mastizz bil-konsegwenza prinċipali li bosta mill-panewijiet ixxaqqu. Anke l-wiċċ tal-mejda ġralu l-istess ħaġa;

Illi l-perit tekniku William Cassar Torregiani kkonkluda li s-sistema u l-metodu ta' kif inħadmet l-għamara ma setax jitqies li kien kontra l-arti u s-sengħa. Il-Perit esprima l-opinjoni teknika tiegħu li x-xogħol sar skond l-arti u -sengħa u l-ħsarat ġraw fl-ewwel lok għaliex l-injam Brażiljan li kien qiegħed jiġi importat dak iż-żmnien kellu *relative humidity* aktar għolja minn dak normalment użat mill-mastrudaxxa Malti u għalhekk dan it-tip ta' injam kellu bżonn ta' aktar żmien min-normal biex jinxef b'mod naturali. Il-Perit irrelata li dak iż-żmien ma kienx hawn fran biex inixxfu l-injam, ħlief għand xi ditta privata li kienet tnixxef l-injam ġo *kiln* għall-użu tagħha stess. Fit-tieni lok il-Perit Tekiniku qal li l-ħsarat ġraw ukoll għaliex l-għamara tpoġġiet ġol-fond ta' l-attur li kien fih l-umdità u li fih kienu jinxtegħlu l-*heaters* – żewġ fatturi li jaffettwaw il-moviment ta' l-injam. Il-Perit ikkonkluda li kienet tinħtieġ spiża ta' ċirka *Lm380 biex tissewwa l-ħsara. Illi l-attur ma qabilx mal-Perit* Tekniku u sostna li x-xogħol ma sarx skond l-arti u s-sengħa billi l-panewijiet inħadmu bil-metodu ta' fuq il-battent mentri x-xogħol missu sar bil-buvett;

L-attur iċċita testi tekniċi biex juri li, li kieku l-panewijiet inaħdmu bil-buvett, il-moviment tal-panew minħabba kondizzjonijiet atmosferiċi kien jiġi assorbit billi l-injam jikber jew jinxef u ċ-ċaqliq kien jista' jsir bla ebda ħsara għaliex il-panewijiet ma jkunux imsammra;

Illi ma hemmx dubju li tradizzjonalment il-panewijiet isiru bil-buvett billi din is-sistema toffri ċerti vantaġġi. Però s-sistema l-oħra adoperata mill-attur lanqas ma tista' titqies li ma hijiex konformi mas-sengħa,tant li dan l-aħħar qiegħda tintuża ta' spiss. Il-konvenut għażel din l-aħħar imsemmija sistema (ġol-battent) għaliex l-attur ma ħax il-parir tiegħu li ma jintużax injam

mastizz. Il-konvenut irraġuna li jekk xi panewijiet biż-żmien jinqasmu allura t-tiswija tkun tista' ssir ferm aktar faċilment billi ma jkunx hemm bżonn li jinkisru l-bibien kollha. Irriżulta li l-konvenut indika lill-attur is-sistema li kien sejjer jadopera u l-attur ma qajjem ebda diffikultà;

Illi l-kontendenti ma talbux in-nomina ta' Perit addizzjonali u għalhekk din il-qorti jidhrilha li huwa aktar prudenti li toqgħod fuq l-opinjoni teknika espressa mill-Perit ġudizzjarju. Għalhekk jidhrilha li l-konvenut għandu jerfa' r-responsabbilità biss tal-fatt li uża njam li ma kienx suffiċjentement staġjonat. Hija verità li l-artiġġjan ta' spiss ikollu jaħdem b'dak li jsib fis-suq però hija verità wkoll li l-artiġġjan ma jistax jiġi forzat li jaħdem bil-fors u għalhekk la darba jaċċetta li jaħdem, ikollu jerfa' r-responsabbilità teknika għall-materjal li juża;

Il-Qorti ma tistax tinjora li d-dar ta' l-attur kienet effetta minn ċerta kwantità ta' umdità speċjalment fit-tromba tat-taraġ fuq, fil-kuridur u fil-kamra tas-sodda. Ir-ritratti Dok. AC1 u AC2 juru li d-dar ta' l-attur kellha l-ħitan laterali fuq naħa waħda kompletament esposti għall-elementi u fuq naħa l-oħra fl-ewwel sulur kollu. Dawn il-ħitan huma intiżi li jkunu ħitan diviżorji u billi l-bini adjaċenti ma telgħax u billi l-attur ma ħax passi biex jirrendi l-istess ħitan impermeabbli, l-umdità bilfors li tipperkola ġewwa. Dan il-fatt ċertament aċċentwa ħafna l-moviment ta' l-injam mastizz li ntuża fl-għamara in kwistjoni u l-attur għandu jerfa' r-responsabbilità relattiva;

Illi fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu l-konvenut issolleva l-preskrizzjoni tas-sentejn a terminu ta' l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. Però din il-preskrizzjoni ma hijiex applikabbli għall-każ billi l-allegazzjoni ta' l-attur tikkonċerna esekuzzjoni ħażina ta'

appalt u talba għar-riparazzjoni tad-difetti;

Illi fil-fehma tal-Qorti r-responsabbilità għad-difetti li rriżultaw fl-għamara għandha tinqasam ugwalment bejn il-kontendenti billi ma tistax tiġi stabbilita l-proporzjoni eżatta tal-ħtija relattiva;

Għal dawn il-motivi:

1. Tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ssollevata mill-konvenut;

2. Tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur limitatament billi tiddikjara li x-xogħol ma sarx skond l-arti u s-sengħa in kwantu ntuża njam li ma kienx suffiċjentement staġjonat u tiddikjara li r-responsabbilità għad-difetti li ħarġu fl-għamara trid tinqasam ugwalment bejn il-kontendenti, billi l-umdità fil-fond ta' l-attur ikkontribwixxiet għall-istess difetti riskontrati;

3. Tilqa' t-tieni talba limitatament billi tordna lill-konvenut li jagħmel ir-riparazzjonijiet neċessarji għal nofs id-difetti riskontrati, u dan fi żmien xahar;

4. B'applikazzjoni ta' l-artikolu 222 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) tordna li jekk il-konvenut jonqos li jagħmel dak ordnat fil-paragrafu numru 3 (tlieta) tad-*decide* l-istess konvenut għandu jħallas lill-attur is-somma ta' Lm190 (mija u disgħin lira maltija) bl-imgħax kummerċjali dekorribbli mil-lum;

L-ispejjeż kollha jinqasmu ugwalment bejn il-kontendenti.